MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 111/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Excavation Plus Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fid-19 ta’ Frar, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,688.14) rapprezentanti danni kkagunati mis-socjeta’ konvenuta fuq ‘cable’ tad-dawl proprjeta’ tal-Korporazzjoni attrici fl-inhawi bejn Mosta D.C. u Mosta Road, Rabat, Malta fid-9 ta’ Marzu, 2002.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-avviz odjern huwa null u dana stante li l-kawzali huwa inkoncepibbli u dana peress illi l-ammont pretiz qatt ma jista jkun jirraprezenta danni kkagunati fuq ‘cable’. Jekk xejn l-ammont pretiz jista jkun jirraprezenta valur ta’ hsarat u/jew danni sofferti b’konsegwenza ta’ hsarat izda zgur mhux danni kkagunati fuq ‘cable’.
2. Illi s-socjeta’ eccipjenti ma kkawzat ebda hsarat fil-‘cable’ tad-dawl proprjeta’ tal-Korporazzjoni Enemalta fl-inhawi bejn Mosta D.C. u Mosta Road – Rabat Malta fid-9 ta’ Marzu 2002 kif tallega l-Korporazzjoni attrici.
3. Illi jsegwi illi s-socjeta’ eccipjenti ma kkawzat ebda danni lill-Korporazzjoni attrici.
4. Illi jsegwi illi m’hemmx danni x’jigu likwidati favur il-Korporazzjoni attrici.
5. Illi ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta m’ghandha taghti xejn lill-Korporazzjoni Enemalta.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta qajjmet in-nullita ta’ l-avviz peress illi l-kawzali huma nkoncepibbli, fis-sens illi kif impustata d-danni gew ikkagunati lill-*cable* u mhux lill-Korporazzjoni attrici.

Jibda biex jinghad illi forsi d-digitura wzata mhijiex wahda felici, pero’ zgur illi ma twassalx ghan-nullament ta’ l-avviz. Huwa ben saput illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-procedura hija wahda sommarja fejn ma fijhiex wisq formalitajiet u l-Qorti mhijex marbuta bil-parametri stretti ta’ l-avviz u tista tvarjahhom basta ma tmurx “extra petita”. Fi kwalunkwe kaz, kif jghallem id-dritt Ruman ‘mala grammatica non vitiat cartam’ u ghalhekk il-Qorti ma

jidhrilhiex illi ghandha taghti xi mportanza lil din l-eccezzjoni u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu minnufih.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-Korporazzjoni attrici rceviet rapporti fl-10 ta’ Marzu 2002 ta qtugh ta’ dawl f’diversi nhawi bejn il-Mosta u r-Rabat. Sar rapport lill-Pulizija u PS 1133 Joseph Borg (fol 39) xehed illi wara li saru r-raporti kellem lil Rene Scicluna u qallu li x-xoghol kien tlesta xi hmistax-il gurnata qabel ma gie rrapurtat il-qtugh. Kien hemm kuntrattur iehor jahdem fl-inhawi, Alfred Mizzi, illi qal illi ma kellux x’jaqsam ma’ dik il-parti illi saret il-hsara. Joseph Borg innota hagna ngenji fuq il-post izda ma kienx jaf ta’ min huma. Wara li ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu, ddikjara illi, “… ma stajtx nasal ghal konkluzjoni min kien responsabbli ghall-hsarat.”

Ghall-Korporazzjoni xehed Victor Cini (fol. 43) fejn qal illi haffru biex sabu l-*cable*, it-trinka kienet diga mimlija bil-‘back fill’ izda ma jidhirlux illi kien sar it-tarmak, pero’ kienet mimlija zgur ghax haffru.

Ghal dak illi hija l-identita’ ta’ dak illi kkawza l-hsarat, Victor Cini ma setax jaghti aktar dawl. Gie esebit l-i*statement* (fol. 46) u l-*workings* kif il-Korporazzjoni attrici wasal ghall-ammont reklamat.

Il-konvenut, minn naha tieghu, qal illi huwa ghamel dan ix-xoghol wara li ottjena l-permessi kollha. Beda x-xoghol fit-18 ta’ Frar 2002 u spiccah fl-20 ta’ Frar 2002. Ix-xoghol kien taht il-*cable* u skond id-dokument immarkat Dok RS mir-Roads Departiment, li xoghol kellu jitlesta sat-28 ta’ Frar 2002. Qal illi meta gew ta’ l-Enemalta t-trinka diga lesta miksija bit-tarmak.

Ikkunsidrat:

Hawnhekk, il-Qorti tara illi hemm konvergenza bejn ix-xhieda tal-konvenut u dik ta’ Victor Cini fejn ikkonferma illi kellhom ihaffru biex isibu l-cable. Izda l-Qorti ma tistax

tasal ghall-konkluzjoni fi grad illi trid il-ligi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ta' min wettaq il-hsarat.

Din il-kawza hija katerizzata b'nuqqas ta' provi illi ma jwasslux ghall-konvinciment morali sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi dwar min huwa responsabbli o meno. Kif ghallmet il-kawza Dr H. Lenniker vs CJ Camilleri Prim'Awla 21 ta' Settembru, 1972 fejn qalet, "… f'kawza civili l-attur li jallega illi gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli."

Dana huwa proprju dak ill-grara f'dan il-kaz u stante l-karenza ta' provi l-Qorti ma jidhrilhiex illi tista' tilqa' t-talba attrici.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------